# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Guramentat Nru **752/2021 (AJD)**

**MARIA LOURDES FITENI, DETENTRICI TAL-KARTA TAL-IDENTITA' NUMRU 157058M, TOPERA FIL-KUMMERC TAHT L-ISEM TA' M.L. FITENI**

**VS**

**QMARKET LIMITED (C61467)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Dicembru 2021**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas ta' somma rapprezentanti bilanc dovut ghal diversi prodotti tal-helu mibjugha lis-socjeta' konvenuta maghmula permezz ta' rikors guramentat preżentat fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena 2021 ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors guramentat preżentat fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena 2021, Maria Lourdes Fiteni li topera fil-kumerc taht l-isem ta' M.L Fiteni ikkonfermat bil-ġurament taghha u premettiet kif isegwi:

a. Illi l-attrici topera fil-kummerc taht l-isem ta' M.L Fiteni, primarjament huma impurtaturi u distributuri ta' prodotti relatati mal-helu;
b. Illi s-socjeta' intimata hija klijenta tal-attrici u xtraw diversi prodotti tal-helu minghajr ma sar pagamenti ghalihom. Konsegwentement l-istess socjeta' ghandah kont pendenti fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, disgha mija u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€29,960.43) u dan kif jixhed l-istatement anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala Dok A.
c. Illi dan id-denitu huwa cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-ezekuzzjoni ta' xi fatt mis-socjeta' intimata lill-attrici.
d. Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc dovut anke permezz ta' ittra ufficjali numru 2344/2021, l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi intavolat adin il-kawza odjerna.
e. Illi jezistu l-elementi kollha tal-ligi sabiex il-kawza tigi mismugha bid-dispensa tas-smiegh u dan ghaliex is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghaldaqstant il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
f. Illi Maria Lourdes Fiteni, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 157058M, taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, illi permezz taghha l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna joghgobha:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi lis-socjeta' intimata thallas lill-attrici  s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, disgha mija u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€29,960.43), u dan flimkien mal-

imghax dekorribbli fuq dan l-ammont minn Settembru tas-sena 2019;

3. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, disgha mija u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€29,960.43), flimkien mal-imghax kif mitlub.

Bl-imghax kif mitlub sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat intavolat kontestament mar-rikors guramentat u tal-ittra ufficjali numru 2344/2021, kontra s-socjeta' intimata, li d-diretturi tal-istess socjeta' huma minn issa ngunti in subizzjoni.

**Il-Qorti**

3. Rat ir-rikors ġuramentat u d-dikjarazzjoni tal-fatti tar-rikorrenti tat-30 ta' Lulju 2021.

4. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe' statement mmarkata Dok A;

5. Reġgħet rat id-digriet ta' din il-Qorti stess tal-hdax (11) ta' Awwissu 2021 illi permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-Gimgha 17 ta' Settembru 2021 fid-9:20am, u s-socjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tal-attriċi. Il-Qorti ddikjarat illi, fin-nuqqas, hija kienet sejra tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

6. Rat il-verbal tas-seduta tal-lum, il-Hamis 2 ta' Dicembru 2021, fejn ġie dikjarat illi s-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet baqghet ma dehritx, għalkemm debitament notifikat bir-rikors ġuramentat, bid-dikjarazzjoni maħlufa u bid-dokumenti esebiti ai termini tal-Artikoli 168, 169 u 169A tal-Kap 12, il-konvenut baqa' kontumaċi;

7. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

8. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

9. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta' intimata sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa';

10. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat li is-socjeta' intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, disgha mija u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€29,960.43), rapprezentanti bilanc dovut ghal diversi prodotti tal-helu mibjugha lis-socjeta' intimata.

11. Il-Qorti tqis ukoll illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta' intimata naqset milli thallas lir-rikorrenti l-istess ammont ta' disgha u ghoxrin elf, disgha mija u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€29,960.43) u dan skont dak indikat u konfermat bil-ġurament mir-rikorrenti, liema fatt <u>ma ġiex kontestat mis-socjeta' intimata minkejja illi ngħatat minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilha mil-liġi sabiex tagħmel dan</u>;

12. In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tar-rikorrenti skond kif debitament konfermata minnha meta xehdet quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-lum hija ġustifikata stante illi tirriżulta pruvata;

13. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

14. Il-każ odjern si tratta dwar ħlas ta' prezz ta' merkanzija illi jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) suċitat.

**Decide**

15. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni u t-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, disgha mija u sittin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€29,960.43), bl-imgħax dekorribbli minn Settembru tas-sena 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, inkluzi dawk tal-mandat intavolat kontestament mar-rikors guramentat u tal-ittra ufficjali numru 2344/2021 a karigu tas-socjeta' intimata.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**